MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Numru. 813/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**

**KONTRA**

**ITALO GRECH ta’ 27 sena, iben George u Carmela nee’ Gatt, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-12.08.1983, residenti fil-fond Blokk 5, Flat 2, Triq il-Fosos, Floriana, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 399 283M;**
**U MARLON CAMILLERI ta’ 27 sena, iben Angelo u Carmen nee’ Zammit, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-14.06.1983, minghajr indirizz fiss, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 30 99 83M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **ITALO GRECH** u **MARLON CAMILLERI** li gew akkuzat talli:

1. Nhar it-3 ta’ Awwissu, 2010, ghall-habta ta’ l-4.30pm, f’San Giljan, ikkommettew serq ta’ vettura Toyota Starlet (reg no DAD 899) kontenenti diversi oggetti fosthom mobile phone u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro (€2,329) u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Paul Calleja;

2. U aktar talli nhar l-4 ta’ Awwissu, 2010, ghall-habta tal-10.30am, f’San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta’ vettura Ford Connect (reg no HBH 405) kontenenti diversi prodotti ta’ l-ikel, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro (€2,329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment tal-kumpanija Max Diner Ltd;

3. U aktar talli nhar l-4 ta’ Awwissu, 2010 ghall-habta tas-6pm, fi Fleur-de-Lys, ikkommettew serq ta’ vettura Honda HRV (reg no EBO 153) kontenenti diversi oggetti fosthom ghodda, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro (€2,329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Brian Borg;

4. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok, u cirkostanzi, f’Malta, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

5. U aktar talli rrendew ruhhom recidivi ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Lil **Marlon Camilleri wahdu**:

6. Talli nhar it-2 ta' Awwissu, 2010, ghall-habta tal-12.15pm, fil-Pieta', ikkommetta serq ta' Honda Civic (reg no ABR 661), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro (€2,329) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Joseph-Dorian Fava;

Lil **<u>Italo Grech wahdu:</u>**

7. Talli nhar it-2 ta' Awwissu, 2010, f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, u cioe' vettura Honda Civic (reg no ABR 661) jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati fl-istadju tal-interrogatorju waqt il-prezantata b'arrest, u dan wara li gew moghtija zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahsbu fuq l-ammissjoni taghhom.

Rat li fis-seduta ta' nhar il-05.10.2010 l-imputati regghu ghal darb'ohra kkonfermaw l-ammissjoni taghhom.

Rat illi l-ko-imputati t-tnejn kellhom problema serja t'abbuz ta' droga. Semghet f'dan ir-rigward lil Victoria Scicluna u lil Ashley Cumbo dwar l-ghajnuna li jistghu jircievu l-imputati, dejjem jekk juru u jzommu motivazzjoni biex jaghmlu b'success programm ta' riabilitazzjoni ta' droga.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni qieghda ssib htija fil-konfront ta' Italo Grech wara li rat l-Artikoli 261, 279, 49, 50, 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib htija fil-konfront ta' Marlon Camilleri wara li rat l-Artikoli 261, 271, 279, 280, 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Iz-zewg imputati qeghdin jigu liberati fil-konfront tar-raba' akkuza ai termini ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu dan gie dedott bhala kap alternattiv ghall-ewwel tliet akkuzi.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieset illi piena karcerarja hija dik l-iktar idonea, dan tenut kont tal-fedina penali ta' l-imputati;
Ghaldaqstant qieghda tikkundannahom ghal piena karcerarja kull wiehed ta' tmienja u ghoxrin (28) xahar.

Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs illi l-imputati jigu moghtija dik l-ghajnuna mehtiega biex johorgu mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------